# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 14 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 287 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 24**

**SG**

**Vs**

**CG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SG datat 5 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elf, disgha mija erbgha u disghin (1994), fil-Knisja Parrokjali tal- Mosta hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg, liema certifikat qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala '**Dokument A'**;*

2. *Illi, minn dan iz-zwieg twieldu zewgt wlied, liema wlied illum il-gurnata ilkoll ghandhom iktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena;*

3. *Illi sa minn Awissu, tas-sena elfejn, tlieta u ghoxrin (2023) l-partijiet kienu de facto separati minn xulxin minhabba ragunijiet personali, hekk kif il-hajja konjugali bejn il-partijiet ma baqghetx iktar possibli.*

4. *Illi, l-partijiet ilhom de jure separati mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn, erbgha u ghoxrin (2024), hekk kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, liema kuntratt ta' separazzjoni personali qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument B';*

5. *Illi, ma hem ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi, l-partijiet iddekadew b'mod reciproku ghal-kwalunkwe manteniment fil-konfront ta' xuxlin;*

7. *Illi, m'hemm manteniment dovut lil wlied, hekk kif entrambi l-wlied ghalqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u dan il-linja mal-artikolu 3B tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi, dawn il-fatti hekk kif dedotti jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju, in linja mal-Artikolu 66A et seq. tal-Kodici Civili, Kapitolu 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

9. *Illi, SG taf b' dawn il-fatti personalment, liema fatti gew konfermati bil-gurament fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala '**Dokument C'**.*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti titlob bir-rispett u revrentament lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. ***Tippronunzja** d-divorzju, ossija l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. ***Tordna** lir-Registru tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli minn din il- Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku d'dan il-hall taz-zwieg.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher assistit nhar it-20 ta' Settembru 2024 u ta ruhu notifikat bl-atti processwali seduta stante waqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal-ghoti tad-divorzju (vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet permezz ta' affidavit** (vide fol 9) illi l-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Mejju 1994 u minn dak iz-zwieg kellhom zewgt ulied, illum maggiorenni. Di piu', xehdet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it-22 ta' Mejju 2024, fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri. Sostniet illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni u ma hemmx manteniment pendenti bejniethom.

**L-intimat xehed** viva voce nhar it-30 ta' Settembru 2024, (vide fol 17) u kkonferma u korrobora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

*divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew*

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Mejju 1994 liema zwieg jgib certifikat numru 761/1994 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg l-kontendenti kellhom zewgt itfal li llum huma maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri nhar it-22 ta' Mejju 2024 (Vide fol 5 et seqq.) Di piu', il-partijiet ilhom separati de facto sa minn Awwissu 2023. In oltre, il-kontendenti kienu legalment separati qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri ai termini ta' l-Art 66A (1)(b) Kap 16.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 761/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**